**MALTA**

**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**

**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**
**MR. ALFRED PERINI**
**MR. HENRY JAMES PEARSALL**

**Illum 5 ta’ April 2016**

**Rikors Numru 43/2015**

**Abraham Cohen**

**Vs**

**Transport Malta**

**u**

**Segretarju Permanenti tal-Ministeru ghall-Finanzi u l-Ministru ghall-Finanzi**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ta’ **Abraham Cohen** opprezentat fit-30 ta’ Gunju 2015 li permezz tieghu ippremetta s-segwenti:-
“

1. *Illi l-esponent huwa l-proprjetarju tal-vettura Peugeot 207- AL374 SA.*
2. *Illi tali vettura hija registrata gewwa Franza u t-taxxa ta’ registrazzjoni hija mhallsa hemmhekk (Dok.A).*
3. *Illi l-esponent bhalissa huwa residenti Malta (skrittura ta’ Kera Dok. B) u gab l-imsemmija vettura hawn Malta.*
4. *Illi huwa talab ezenzjoni (skont l-Artikolu 19 tal-Kap.368) sabiex ma jhallasx taxxa ta’ registrazzjoni doppja u tali talba giet accetta u fil-fatt il-permess temporanju kien jiskadi fil-15 ta’ Marzu 2015.*

5. *Illi huwa rcieva ittra illi avzatu illi se jkollu jhallas taxxa ta' registrazzjoni (ittra ta' rifjut) u dan ghaliex bazikament il-karta ta' permess ghar-residenza f'Malta illi hu kien applika ghaliha ferm qabel (wahda mir-rekwiziti sabiex jinghata tali ezenzjoni u prova illi kien residenti hawn Malta) il-15 ta' Marzu 2015 u din harget biss wara l-25 ta' Marzu 2015 (Dok.C) u dan bi pregudizzju kbir rigward l-ezenzjoni fuq il-hlas ta' taxxa ghar-registrazzjoni rigward din il-karozza.*

*Ghaldaqstant ghar-ragunijiet hawn premessi r-rikorrent qed jinterponi umli appell lil dan it-Tribunal u dan taht il-Kap. 490 tal-Ligijiet ta' Malta fis-sens illi r-rikorrent qed jitlob illi u ma jkollux jhallas it-taxxa ta' registrazzjoni minhabba l-fatt illi n-nuqqas ma sarx minhabba fih imma minhabba haddiehor u hu ma kellux kontroll fuq dan u ghaldaqstant id-decizjoni ta' rifjut ghandha tigi mdawwra fis-sens illi l-appellant ma ghandu jhallas l-ebda taxxa."*

Ra r-risposta ta' **Transport Malta** ipprezentata fit-13 ta' Lulju 2015 li permezz taghha ecepiet is-segwenti:-

"

1. *Illi l-Awtorita' rispondenti mhijiex il-legittimu kontradittur u ghalhekk ghandha tigi liberata ab observantia a spejjez tar-rikorrent.*

2. *Illi, sussidjarjament u bla ebda pregudizzju ghas-suespost, it-talba tar-rikorrent hija kompletament infondata fil-fatt u fid-dritt ghaliex minkejja illi effettivament il-lament tieghu huwa l-fatt li ma giex ezentat mill-hlas tat-taxxa ta' registrazzjoni (fejn allura l-legittimu kontradittur huwa l-Ministru ghall-Finanzi u mhux l-Awtorita' rispondenti), pero` l-fundamentum agendi tal-appell minnu intavolat jattakka d-dewmien fil-hrug tal-karta ta' residenza, agir amministrattiv illi (a) ma jirrispondix ghalih ebda wiehed mill-intimati citati f'dawn il-proceduri; u (b) f'kull kaz il-fatt li kien hemm tali dewmien mhuwiex soggett ghall-prezentata t'appell quddiem dan l-Onorabbli Tribunal.*

3. *Illi ghalhekk il-pretensjonijiet tar-rikorrent ghandhom jigu sommarjament respinti bl-ispejjez kontra tieghu."*

Ra r-risposta **tas-Segretarju Permanenti tal-Ministeru ghall-Finanzi u l-Ministru ghall-Finanzi** ipprezentata fl-24 ta' Lulju 2015 li permezz taghha eccepew is-segwenti:-

*"Illi preliminarjament jiġi rilevat li l-esponent Segretarju Permanenti tal-Ministeru għall-Finanzi m'huwiex il-leġittimu kontradittur ai termini tal-**Artikolu 181B tal-Kap 12**. Il-leġittimu kontratiddtur huwa l-esponent l-ieħor, ċjoe il-Ministru tal-Finanzi, li ai termini tal-**Artikolu 19 tal-Kap 368** u r-**Regolament numru 4 tar-Regoli tal-L.S. 368.01** huwa responsabbli milli jagħti l-eżenzjoni mit-taxxa tar-reġistrazzjoni ta' vetturi bil-Mutur;*

*Illi dejjem in vena preliminari, jiġi eċċepiet li r-rikors promotur ġie ntavolat fuori termine l-perjodu perentorju ta' wieħed u għoxrin ġurnata minn meta d-deċiżjoni ġiet pubblikata fuq il-website tal-Ministeru responsabbli għall-Finanzi fit-termini tar-**regolament 4(11) tal-L.S. 368.01**. (Vide **Dok. A**);*

*Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost l-esponent sejjer bil-preżenti risposta jwieġeb għar-rikors tal-appell interpost min Abraham Cohen li permezz tiegħu talab lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex "idawwar" d-deċiżjoni tal-esponent Ministru datata 13 ta' Mejju 2015 fis-sens illi l-appellant ma' għandu jħallas l-ebda taxxa;*

*Illi l-appell devolut quddiem dan l-Onorabbli Tribunal huwa mfassal fuq l-aggravju li, skont l-appellant, l-applikazzjoni ġiet rifjutata "għaliex bażikament il-karta ta' permess għar-residenza f'Malta illi hu kien applika għaliha ferm qabel (waħda mir-rekwiżiti sabiex jingħata tali eżenzjoni u prova illi kien residenti hawn Malta) il-15 ta' Marzu 2015 u din ħarġet biss wara l-25 ta' Marzu 2015 (Dok. C) u dan bi preġudizzju kbir rigward l-eżenzjoni fuq il-ħlas ta' taxxa għar-reġistrazzjoni rigward din il-karozza";*

*Illi bid-dovut rispett tali sottomissjoni hija bla dubju inattendibbli u insostenibbli u dan stante li, ħarsa lejn l-ittra tar-rifjut (**Dok. B**), joħroġ evidenti ferm li r-raġuni wara r-rifjut ma għandha x'taqsam xejn mal-"karta tal-permess għar-residenza";*

*Illi l-applikazzjoni tal-appellant għall-eżenzjoni ġiet rifjutata għaliex ma jissodisfax il-kundizzjoni stabbilita fir-**regolament 4(3)(a) tal-L.S.368.01** li jistipula s-segwenti:*

*"Biex vettura tkun tista' tikkwalifika għal eżenzjoni taħt is-subregola ... (a) hija trid tkun ilha reġistrata f'isem l-individwu li jkun qiegħed jittrasferixxi r-residenza normali tiegħu għal perjodu ta' mhux inqas minn erbgħa u għoxrin xahar minnufih qabel id-data tat-trasferiment tar-residenza tiegħu għal Malta u tkun għadha hekk reġistrata meta l-vettura tiġi impurtata jew miġjuba f'Malta;"*

*Illi ħarsa lejn l-applikazzjoni sottomessa mir-rikorrent appellat (**Dok. C**), joħroġ li, skont kif iddikjara huwa stess, ir-rikorrent akkwista l-vettura tiegħu fl-2013 u ttrasferixxa r-residenza tiegħu hawn Malta fit-22 ta' April 2014;*

*Illi jfisser għalhekk li l-vettura ma kienetx ilha reġistrata f'isem ir-rikorrent għal-perjodu ta' mhux inqas min erbgħa u għoxrin xahar minnufih qabel id-data tat-traferiment tar-residenza tiegħu f'Malta skont kif jippreskrivi l-imsemmi regolament 4(3)(a) tal-L.S. 368.01;*

*Illi ladarba r-rikorrenti ma jissodisfax ir-rekwiżit stabbilit fir-regolament 4(3)(a) tal-L.S. 368.01 huwa ma jistax jikkwalifika għal eżenzjoni u l-esponent ma seta jagħmel xejn ħlief jeżegwixxi l-obbligu tiegħu mpost fuqu permezz tar-**regolament 4(4)(a) tal-L.S. 368.01**[1] li ma jagħtix l-eżenzjoni kif fil-fatt hekk għamel;*

*Illi jsegwi għalhekk li l-aggravju sollevat mir-rikorrenti ma hu sostenibbli xejn u għalhekk għandu jiġi miċħud;*

*GĦALDAQSTANT u in vista tal-premess, l-esponent jitlob bir-rispett lil dan l-Onorabbli Tribunal jogħġbu jiċħad it-talba kif dedotta fir-Rikors Promotur, bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti appellanti."*

---

[1] Tali regolament jippreskrivi li "*L-eżenzjoni ... m'għandhiex tingħata meta – (a) il-vettura u, jew l-applikant ma jkunux issodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti taħt is-subregola (3)*"

Ra illi fost l-eccezzjonijiet tas-Segretarju Permanenti u Ministru intimat, it-tieni eccezzjoni hija wahda ta' natura preliminari u ghalhekk ra li jkun opportun li din tigi trattata u deciza qabel jigi nvestit il-mertu proprju;

Ra d-dokumenti kollha esebiti;

Sema' t-trattazzjoni tal-partijiet dwar l-istess eccezzjoni;

Ra li r-rikors thalla ghal-lum ghal sentenza preliminari dwar l-eccezzjoni tat-tardivita` tal-appell.

**Ikkunsidra:**

Illi jirrizulta illi r-rikorrent issottometta applikazzjoni sabiex jigi ezentat milli jhallas it-taxxa ta' registrazzjoni fuq il-vettura tal-ghamla Peugeot 207 bin-numru ta' registrazzjoni AL 374 SA u dan ai termini tal-Kapitolu 368 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Legislazzjoni Sussidjarja 368.01.

Illi mid-dokumenti esebiti jirrizulta illi ntbaghtet ittra datata 13 ta' Mejju 2015 minghand it-*Transfer of Residence Exemption Board* (iktar 'il quddiem imsejjah "il-Bord) li permezz taghha r-rikorrent gie infurmat illi l-applikazzjoni tieghu ghall-ezenzjoni mit-taxxa ta' registrazzjoni kienet giet rifjutata taht Regolament 4 (3) (a) tal-Avviz Legali 440 tal-2013[2] u cioe` ma giex sodisfatt il-kriterju illi l-vettura in kwisjonti kienet ilha registrata f'isem l-individwu li jkun qieghed jittrasferixxi r-residenza normali tieghu ghal perjodu ta' mhux inqas minn erbgha u ghoxrin xahar minnufih qabel id-data tat-trasferiment tar-residenza tieghu ghal Malta u tkun ghadha hekk registrata meta l-vettura tigi impurtata jew migjuba f'Malta. Illi jirrizulta illi l-istess decizjoni giet ukoll pubblikata fuq il-*website* tal-Ministeru tal-Finanzi fit-13 ta' Mejju 2015.[3]

Illi ai termini tar-Regolament 4 (11) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 368.01 (Regoli Dwar Ezenzjoni mit-Taxxa tar-Registrazzjoni Ta' Vetturi Bil-Mutur) *"Applikant li jhossu aggravat b'decizjoni tal-Bord jista' jappella lit-Tribunal skond id-dispozizzjonijiet tal-Att dwar il-Gustizzja Amministrattiva* ***fi zmien wiehed u ghoxrin gurnata minn meta d-decizjoni tkun giet pubblikata kif provdut fis-subregola (7)."***

Illi s-subregola (7) tghid is-segwenti: *"Applikazzjoni taht din ir-regola ghandha tigi processata u deciza mill-Bord u d-decizjoni tal-Bord* ***ghandha tigi pubblikata fuq il-website tal-Ministeru responsabbli ghall-***

[2] Dok B a fol. 22
[3] Dok A a fol. 20

***Finanzi***. *Il-Bord ghandu wkoll jibghat kopja ta' dik id-decizjoni bil-posta registrata lill-applikant fl-indirizz specifikat fl-applikazzjoni u, fejn provdut, ukoll b'mezzi elettronici."*

Illi kwindi t-terminu tal-appell ta' wiehed u ghoxrin gurnata **jiskatta minn meta d-decizjoni tigi pubblikata** fuq il-*website* tal-Ministeru responsabbli ghall-Finanzi.

Illi t-Tribunal josserva illi fl-istess ittra ta' rifjut kien hemm indikat b'mod mill-iktar car illi appell mill-istess decizjoni kellu jsir fi zmien wiehed u ghoxrin gurnata – ***"You have the right to appeal from this decision, within 21 days from the date of this decision, before the Administrative Review Tribunal in accordance with the provisions of the Administrative Justice Act (Cap.490) and regulations in terms of the Act."***[4] Dan ifisser li permezz tal-ittra li rcieva r-rikorrent kien infurmat li kellu jagixxi *entro* wiehed u ghoxrin gurnata mid-data tad-decizjoni li fil-fatt kienet datata 13 ta' Mejju 2015. Illi t-Tribunal m'ghandu l-ebda indikazzjoni ta' meta r-rikorrent ircieva l-ittra in kwistjoni.

Madankollu dan it-Tribunal jaghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Carmel Mercieca vs Kummissarju tat-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud**[5] fejn ir-rikorrent f'dik il-kawza pprova jiggustifika t-tardivita` ta' l-appell tieghu minn stimi mahruga kontrih mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud minhabba mard gravi. Il-Qorti ta' l-Appell ma laqghetx din l-iskuzanti u osservat is-segwenti *"Ghandu jinghad ukoll illi terminu legali perentorju ma jistghax jiggedded jew, b'xi mod sanata n-nuqqas ta' l-osservanza tieghu. Hu inerenti ghan-natura stess ta' terminu bhal dan l-inderogabilità tieghu w allura dan ma jistax jircievi sanatorja jew rimessjoni fit-terminu tkun xi tkun ir-raguni. Fi kliem iehor it-terminu perentorju ma jistghax jigi prorogat, lanqas bi ftehim bejn il-partijiet. Dik il-proroga hi possibbli biss ope legis bhal fil-kaz fejn l-ahhar jum ghall-prezentata ta' att ikun jum tas-Sibt jew tal-Hadd jew jum ta' festa. Ara "Dimech Enterprises Ltd. v. Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud" Appell, 23 ta'Gunju 2004. Jekk wiehed joqghod ghal dak li nghad s'issa ftit hemm dubju illi, minn kif koncepit l-artikolu rilevanti [Reg. 4(1)(d) tas-Sitt Skeda ta' l-Att XII ta' l-1994] – fil-kaz in ezami r-Regola 4(1)(d) tad-Disa' Skeda tal-Kap.406 tal- Ligijiet ta' Malta – it-terminu fih prefiss ghall-appell kontra stimi hu wiehed perentorju, u konsegwentement fatali, tant li l-kliem introduttivi tad-disposizzjoni jaffermaw illi jekk ma jkunx hemm l-osservanza tieghu, l-appell "ma jkunx validu". Ara, fost ohrajn, in tema sentenzi ta' din il-Qorti, kif presjeduta, in re: "Martin Briffa v. Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud" 24 ta' Novembru 2003 u "Blevins Franks International Ltd. v. Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud" 4 ta' Mejju 2005. Anke kieku stess però dak it-terminu ta' tletin jum mid-data tan-notifika ta' l-avviz li kontrih isir l-appell, kellu jitqies terminu legali ordinatorju li, skond l-Artikolu 106, Kapitolu 12, jippermetti t-tigdid*

[4] Ara Dok B a fol. 22
[5] Qorti ta' l-Appell (Inferjuri) deciza fil-25 ta' Jannar 2006

*tieghu ghal raguni tajba, ma jirrizultax lanqas imbaghad, f'dan il-kaz illi talba bhal din saret "fiz-zmien li tieghu jintalab it-tigdid" ossija qabel l-iskadenza tat-terminu utili stabbilit ghall-appell (Kollez. Vol. XXXIII pI p321). Lanqas permezz ta' talba ad hoc fi procedura appozita ghar-restituzzjoni in integrum. Procedura din li jrid jinghad kienet permissibbli fi zminijiet imghoddija. Ara Kollez. Vol. XXIX pI p276 u Kollez. Vol. XXXIV pI p348….anke kieku l-Qorti kellha toqghod fuq il-portata tac-certifikat mediku datat 29 ta' Ottubru 1998 (u mhux ukoll dak datat 19 ta' Mejju 2003 prezentat wara s-sentenza tal-Bord), li baqa' mhux konfermat, l-istess ikollu jinghad li din il-Qorti mhix konvinta li tista' tirrikonoxxi fih sitwazzjoni ta''raguni tajba", certa w objettiva li kienet talment timpedixxi lill-appellat mill-osservanza tat-terminu f'dak il-mument u ghal dik ir-raguni. Opportunatament ghandu jigi mfakkar illi t-termini procedurali ma jistghu qatt jithallew fid-diskrezzjoni ta' xi wahda mill-partijiet jew, li hu aghar, jigu injorati minn min hu msejjah biex jiggudika. Anke jekk mhux espressament riferibbli ghall-fattispeci tal-kaz de quo, il-Qorti taghmel taghha l-osservazzjoni maghmula mill-Qorti ta' l-Appell fid-decizjoni "Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud v. George Schembri" 6 ta' Ottubru 2000, u cjoe, li "l-Qrati (**u dan jghodd ukoll ghat-tribunali ta' kull speci)**[6] huma obbligati li japplikaw u jinterpretaw il-ligijiet tal-pajjiz kif promulgati mill-Parlament u ma ghandhom ebda diskrezzjoni la li jinjorawhom, la li jadottawhom b'mod approssimattiv skond kif jidhrilhom li jkun gust u ekwu fic-cirkostanzi, u wisq anqas li jissanzjonaw proceduri li l-ligijiet tal-pajjiz ma jippermettux li jigu improvvizati, f'dawk ic-cirkustanzi, bil-konsegwenza li jigu newtralizzati w emaskolati proceduri ohra espressament provvduti bil-ligi".*

Illi, pero`, maghdud dan kollu, dan it-Tribunal josserva illi dak li kien hemm imnizzel fl-ittra datata 13 ta' Mejju 2015 ma jirriflettix fedelment dak li jghid Regolament 4 (11) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 368.01 fir-rigward minn meta jiskatta t-terminu tal-appell. U dan ghaliex filwaqt li fl-imsemmija ittra hemm imnizzel li t-**terminu ta' l-appell ta' wiehed u ghoxrin gurnata jiskatta mid-data tal-istess decizjoni**, l-imsemmi Regolament jghid li t-terminu tal-appell **jiskatta minn meta d-decizjoni tigi pubblikata fuq il-*website* tal-Ministeru.** Illi filwaqt li huwa veru li d-data ta' meta d-decizjoni giet pubblikata fuq il-*website* u d-data tal-ittra huma l-istess, xorta jibqa' l-fatt li r-Regolamenti jesigu li t-terminu jibda ghaddej mill-pubblikazzjoni tad-decizjoni fuq il-*website* u ghalhekk it-Tribunal huwa tal-opinjoni li d-dicitura fl-ittra li tintbaghat mill-Ministeru lill-applikant ghandha tkun wahda aktar fidili ghal-ligi.

Illi maghdud dan kollu, dan it-Tribunal ma jistghax ma jurix il-preokkupazzjoni tieghu li tali terminu ta' appell jiskatta mill-pubblikazzjoni tad-decizjoni fuq *website*. Illi apparti li jista' jkun hawn xi individwi li mhumiex familjari mal-*internet*, wiehed ma jistghax jippretendi li minn meta jissottometti l-applikazzjoni tieghu wiehed irid joqghod jiccekkja kuljum il-*website* tal-Ministeru biex jara kienx hemm xi decizjoni. Perezempju fil-kaz in ezami, minn meta saret l-applikazzjoni ghaddew diversi xhur sa meta harget id-decizjoni fit-13 ta' Mejju 2015.

[6] Enfasi tat-Tribunal

Ghalhekk huwa awspikabbli li l-legislatur jirrevedi din il-parti tal-legislazzjoni li tirrigwarda l-pubblikazzjoni tad-decizjonijiet tal-Ministeru tal-Finanzi fejn jidhlu ezenzjonijiet mit-taxxa ta' registrazzjoni sabiex tkun wahda iktar ekwa u gusta ma' min irid jintavola appell.

Illi madankollu, dan it-Tribunal ma jistghax imur kontra dak li tiddetta l-istess ligi vigenti, u *siccome*` l-appell tar-rikorrent gie intavolat oltre l-wiehed u ghoxrin gurnata stipulati mil-ligi, it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi l-kaz billi jilqa t-tieni eccezzjoni tas-Segretarju Permanenti tal-Ministeru ghall-Finanzi u l-Ministru ghall-Finanzi u jiddikjara r-rikors intavolat mir-rikorrent null in kwantu gie pprezentat *fuori termine*.

In vista ta' dak li nghad hawn fuq ir-rikorrenti u s-Segretarju Permanenti u Ministru intimati ghandhom ibatu l-ispejjez taghhom, filwaqt li r-rikorrent ghandu jbati l-ispejjez ta' Transport Malta.

_______________________________

**Magistrat Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**